



Tweġiba għas-sewqan taħt l-effett tad-drogi fl-Ewropa

Ħafna mill-inċidenti u l-imwiet li jiġru fit-toroq Ewropej huma kkawżati minn sewwieqa li l-prestazzjoni tagħhom tkun imdgħajfa minn xi sustanza psikoattiva. L-alkoħol waħdu huwa stmat li huwa responsabbli għal madwar 10 000 vittma fis-sena kawża ta' inċidenti tat-traffiku fl-Unjoni Ewropea, kwart tal-imwiet tal-inċidenti tat-traffiku kollha. Ma jeżistux ċifri komparabbli disponibbli għal inċidenti tat-traffiku relatati mad-drogi u mediċini psikoattivi, għalkemm dawn kienu qegħdin jirċievu attenzjoni akbar matul dawn l-aħħar għaxar snin. L-istudji fuq l-effetti ta' sustanzi psikoattivi fuq il-prestazzjoni waqt is-sewqan jissuġġerixxu li filwaqt li kemm id-drogi u kemm sustanzi terapewtiċi jistgħu jaffettwaw is-sewqan, l-effetti u l-firxa tagħhom jistgħu jvarjaw bil-kbir minn sustanza għal oħra. L-aħħar riċerka tissuġġerixxi li l-kannabis tista' tnaqqas

il-kapaċità ta' sewqan u, ġeneralment, il-benzodijazepini jagħmlu ħafna ħsara; fost l-oppjoidi, l-eroina tista' tagħmel ħsara gravi, il-metadon ffit inqas u l-buprenorfina anki inqas. L-informazzjoni fuq drogi stimulanti bħall-kokaina, amfetamini u ekstasi hija aktar imħallta, iżda tissuġġerixxi li dożi qawwijin huma assoċjati ma' tnaqqis fil-kapaċitajiet. Madankollu, kejl oġġettiv tal-ħsara li tagħmel kull droga, simili għall-konċentrazzjoni ta' alkoħol fid-dem, għadu mhux possibbli.

Il-kwistjoni kumplessa ta' sewqan taħt l-effett tad-drogi bħalissa qiegħda tkun investigata minn DRUID, proġett importanti tal-UE li beda fl-2006 u li sejjer jibqa' għaddej sal-2010. DRUID għandu l-għan li jipprovi bażi solida fuq livell tal-UE għal regolamenti armonizzati għas-sewqan taħt l-effett tal-alkoħol, drogi u mediċini.

Sadattant, dan is-sommarju tal-politika jiġbor fil-qosor il-kwistjonijiet ewlenin li jħabbtu wiċċhom magħhom dawk li jfasslu l-politika u jiddeskrivi żviluppi fl-Ewropa li jistgħu jgħinu fit-teħid ta' deċiżjonijiet fuq is-suġġett.

It-tnaqqis tat-telf ta' ħajja kkawżat mis-sewqan taħt l-effett ta' sustanzi psikoattivi jitleb miżuri li huma bbażati fuq għarfien xjentifiku ta' dan il-fenomeno kumpless. L-isfida għal-leġislaturi hija li jfasslu liġijiet validi u effikaċi li jistgħu jkunu infurzati, u li jgħaddu messaġġ ċar lill-pubbliku.

**Wolfgang Götz,
Direttur tal-EMCDDA**

Definizzjoni

Sewqan taħt l-effett ta' sustanzi: Skont il-liġijiet tal-pajjiż, dan jista' jirreferi għal sewwieq li għandu: tnaqqis meqjus ta' kapaċitajiet konjittivi jew psikomotorji, jew tar-rispons għall-impuls; jew aktar minn ammont definit ta' droga fid-dem, li jkun mistenni li jipproduċi dawn l-effetti f'dak il-livell; jew kwalunkwe traċċa ta' drogi fid-dem.

Ħarsa ġenerali lejn il-kwistjonijiet ewlenin

1. Rapporti ta' inċidenti ta' sewqan taħt l-effett tad-drogi spiss jirċievu ħafna attenzjoni mill-midja. Iżda ffit pajjiżi għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom statistika li tista' toqgħod fuqha dwar il-prevalenza tas-sewqan taħt l-effett tad-drogi.
2. Abbażi tad-dejta disponibbli huwa diffiċli li tinkiseb evidenza xjentifikament soda dwar l-effetti fuq l-imġiba, il-prevalenza u r-riskju tal-inċidenti. Il-parti l-kbira tal-istudji għandhom kampjuni żgħar u spiss ikun diffiċli li wieħed jiġġeneralizza mir-riżultati tagħhom.
3. Minħabba li tirrifletti d-dibattitu xjentifiku fuq l-effetti eżatti tas-sustanzi, id-definizzjoni ġuridika tar-reat tas-sewqan taħt l-effett tad-drogi tvarja minn Stat Membru tal-UE għal ieħor.
4. Diversi mediċini psikoattivi, li jistgħu jkunu preskritti u jittieħdu legalment jew mhux legalment, jistgħu jnaqqsu l-kapaċitajiet tas-sewqan.
5. Fil-preżent, il-pulizija qiegħda ssib diffikultà konsiderevoli sabiex tidentifika b'mod preċiż u malajr is-sewqan taħt l-effett tad-droga meta twaqqaf lil xi ħadd fit-triq.
6. L-effikaċja ta' kampanji ta' informazzjoni għall-prevenzjoni ta' sewqan taħt l-effett tad-drogi hija dubjuża. Id-destinatarij ewlenin jistgħu ma jkunux qegħdin jisingħu l-messaġġ, jew jistgħu jkunu qegħdin jinjorawh.

1. F'bosta Stati Ewropej il-kobor tal-fenomenu ma jiġi studjat

L-istudji fuq il-prevalenza tad-drogi fost is-sewwieqa ppubblikati bejn l-1999 u l-2007 jipprovdu dejta għal 13-il pajjiż biss mis-27 Stat Membru tal-UE u n-Norveġja.

L-istħarriġ li sar fuq kampjuni tas-sewwieqa fit-toroq, li jistgħu jagħtu stampa rappreżentattiva tal-popolazzjoni kollha tas-sewwieqa, huma disponibbli fl-11 Stati Membri tal-UE u n-Norveġja. Stħarriġ ieħor jipprovdi dejta fuq l-użu tad-drogi fost sottogruppi speċifiċi ta' sewwieqa. Filwaqt li xi wħud mill-istudji kkunsidraw biss sewwieqa involuti f'inċidenti fatali, oħrajn iffukaw fuq kampjuni ta' gruppi ta' sewwieqa mweġġgħin, sewwieqa maqtula, sewwieqa involuti f'inċidenti, u sewwieqa suspettati li kienu qegħdin isuqu taħt l-effett tal-alkoħol jew tad-drogi. Madankollu, ir-riżultati ta' dawn id-diversi studji mhumiex xjentifikament komparabbli.

B'mod ġenerali, il-kannabis hija l-aktar sustanza illeċita komuni li tiġi skoperta, u l-benzodijazepini huma l-mediċini psikoattivi li l-aktar li jiġu rrapportati. B'mod ġenerali, l-evidenza tippona lejn prevalenzi ħafna ogħla kemm ta' drogi u kemm ta' drogi preskritti, spiss imħallin mal-alkoħol, fost sewwieqa involuti f'inċidenti jew issuspettati li kienu qegħdin isuqu taħt l-effett tad-drogi jew tal-alkoħol.

L-iskarsezza ġenerali ta' informazzjoni għadha hemm minkejja rakkomandazzjoni li saret fl-2002 mill-grupp ta' ħidma espert tal-Kummissjoni Ewropea fuq id-drogi, il-mediċini u s-sewqan, li s-sewwieqa kollha involuti f'inċident fatali għandhom jiġu ttestjati għall-użu tal-alkoħol u tad-droga.

2. Ostakoli għall-ġbir ta' provi xjentifiċi

Mill-1999 'l hawn saru aktar minn 30 studju fl-Ewropa kollha fuq il-prevalenza ta' drogi fost is-sewwieqa. Madankollu, dawn l-istudji użaw metodi diversi u kampjuni ta' gruppi differenti ta' sewwieqa, li jagħmluha diffiċli li wieħed jasal għal konklużjonijiet ġenerali.

In-numru ta' persuni li ttieħdu bħala kampjuni varja minn inqas minn 50 għal aktar minn 10 000, b'aktar minn terz tal-istudji jirrapportaw fuq inqas minn 500 individwu.

Il-leġiżlazzjoni jew il-politiki nazzjonali jistgħu jillimitaw ukoll il-firxa u l-komparabilità ta' studji ta' prevalenza. Pereżempju, f'bosta pajjiżi testijiet għal għarrieda fit-triq għad-drogi mhumiex permessi. F'ċerti pajjiżi jsiru biss testijiet għal drogi illegali, u l-prevalenza ta' mediċini psikoattivi ma tistax tkun aċċertata.

F'ċerti każijiet, riżultat pożittiv ta' sewwieq għat-test tal-alkoħol jista' jwaqqa' l-ħtieġa ta' ttestjar għad-drogi, bil-limitazzjonijiet ta' riżorsi u r-rekwiżiti ta' prosekuzzjoni jieħdu prijorità fuq kwalunkwe ħtieġa ta' ġbir komprensiv ta' dejta. Dan hu l-każ fid-Danimarka, fl-Estonja, fl-Irlanda u fil-Portugall. L-istudju Franċiż SAM, wieħed mill-aktar studji estensivi f'dawn l-aħħar snin fuq dan is-suġġett, seta' jsir bis-saħħa ta' bidla fil-Kodiċi tat-Triq nazzjonali li tobbliga lill-pulizija, f'ċirkustanzi determinati, li tittestja lis-sewwieqa kollha għad-drogi.

Bl-għajjnuna tal-EMCDDA u tad-Direttorat Ġenerali għat-Trasport tal-Kummissjoni Ewropea, tfasslet gwida internazzjonali ġdida għall-istandardizzazzjoni ta' disinji tal-istudji. Din tqis id-differenzi bejn il-leġiżlazzjoni u l-politiki ta' ttestjar tal-pajjiżi, u tipprovdi 'l fuq minn mitt rakkomandazzjoni maqsumin f'oqsma sekondarji ta' mġiba, epidemjoloġija u tossikoloġija.

3. Fejn sejin niġbdu l-linja — jew linji?

Ħafna mill-pajjiżi Ewropej jieħdu approċċ wieħed minn tnejn għad-definizzjoni tar-reat ta' sewqan taħt l-effett tad-drogi. F'dax-il pajjiż jippenalizzaw biss sewqan b'kapaċitajiet imnaqqsa, kemm jekk ikun ikkawżat minn drogi u kemm jekk minn mediċini. F'dax-il pajjiż ieħor adottaw politika ta' "tolleranza żero", billi jippenalizzaw kull sewqan wara t-teħid ta' drogi. F'seba' pajjiżi, dawn iż-żewġ approċċi huma mgħaqqdin f'reazzjoni maqsuma fi stadji għal min jikser il-liġi b'sewqan taħt l-effett tad-drogi.

Xi wħud mill-pajjiżi li għandhom "tolleranza żero" ma jagħmlux distinzjoni bejn mediċini

psikoattivi u drogi, filwaqt li oħrajn jagħmlu. Fil-Finlandja u fl-Iżvezja, għaddew liġijiet ġodda ta' tolleranza żero għal drogi wara l-esperjenza li r-reat ta' sewqan b'kapaċitajiet imnaqqsa huwa diffiċli ħafna li tingħata prova tiegħu. F'Ċipru, din il-problema hija indirizzata bil-prosekuzzjoni ta' sewwieqa bħal dawn għall-konsum illegali ta' drogi. Madankollu, il-Belġju u r-Renju Unit jipprojbixxu b'mod speċifiku l-użu ta' riżultat ta' test għas-sewqan taħt l-effett tad-drogi bħala prova għal kwalunkwe reat ieħor.

Il-prova ta' teħid ta' drogi tista' tinsab f'kampjuni bijoloġiċi differenti, inklużi d-demm, l-awrina, il-bżieq, l-għaraq u saħansitra x-xagħar. Id-demm jikkostitwixxi l-matriċi ideali għal prova ġuridikament valida ta' nuqqas ta' kapaċitajiet, iżda l-eżami tal-fluwidu tal-ħalq (bżieq) fit-triq huwa preferut minħabba l-konvenjenza. Il-livelli massimi għad-drogi jistgħu jkunu stabbiliti f'limitu iktar baxx ta' kxi, jew f'livelli fejn hu mistenni li jibda l-effett ħażin tas-sustanza. Madankollu, filwaqt li ċerti drogi, inklużi l-kannabis u l-oppjojdi, jidher li għandhom effett ta' tnaqqis tal-kapaċitajiet li jvarja skont id-doża, oħrajn bħall-amfetamini mhumiex hekk. It-tolleranza u l-interazzjonijiet mal-alkoħol u drogi oħrajn jikkomplicaw aktar il-kalkoli. Fi Franza, is-sewwieqa li jinqabdu li jkunu ħalltu drogi mal-alkoħol jirċievu penali akbar.

4. Tweġiba għall-mediċini psikoattivi

Il-mediċini psikoattivi, bħall-mediċini biex itaffu l-uġiġħ (painkillers - oppjojdi), sedattivi (benzodijazepini), antidipressivi u antistaminiċi xi kultant jista' jkollhom effetti konsiderevoli fuq il-kapaċitajiet tas-sewwieqa. Ir-riżultati mill-istudji jissuġġerixxu li s-sewwieqa jistgħu jkunu qegħdin jużaw dawn id-drogi jew għal raġunijiet mediċi wara preskrizzjoni, jew ikunu qegħdin jabbużaw minnhom, xi kultant flimkien ma' sustanzi illegali. Qiegħed jikber ukoll it-ħassib dwar l-impatt possibbli tan-numru dejjem jikber ta' persuni li jagħmlu użu mid-drogi u li jkunu qegħdin jirċievu trattament sostituttiv bl-oppjojdi.

Il-liġijiet ta' ħafna pajjiżi jippenalizzaw it-tnaqqis tal-kapaċitajiet minn kwalunkwe droga, anki jekk mediċinali. Fi Franza, l-Awstrija u l-Portugall, ċerti mediċini psikoattivi li jtellfu l-kapaċità ta' sewqan

bħall-benzodijazepini mhumiex koperti mil-liġi dwar is-sewqan taħt l-effett tad-drogi, għalkemm jistgħu jkunu koperti minn reat ġenerali bħalma hu s-sewqan perikoluż. B'kuntrast għal dan, il-liġijiet fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja jippenalizzaw is-sewqan bi kwalunkwe traċċa ta' sustanza, anki jekk mediċinali. Seba' pajjiżi (il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Lussemburgu, is-Slovakkja u l-Finlandja) adottaw sistema ta' żewġ stadji li tippenalizza kull traċċa ta' sustanza illegali b'multa mhux kriminali jew kriminali ta' livell baxx, iżda jippenalizzaw b'mod aktar gravi nuqqas ta' kapaċità għas-sewqan minn kwalunkwe sustanza. Fil-Latvja, it-tnaqqis tal-kapaċitajiet minħabba sustanza mediċinali jgħib miegħu multa aktar baxxa milli kwalunkwe traċċa ta' sustanza illegali. Fil-Finlandja u fl-Iżvezja, is-sewwieqa li jkunu taħt effett ta' mediċini jistgħu jkunu eżenti minn akkużi jekk jistgħu jipprovdru preskrizzjoni medika, għalkemm xorta jistgħu jkunu akkużati jekk is-sewqan tagħhom jitqies li kien ħażin.

5. Ittestjar għas-sewqan taħt l-effett tad-drogi

Wara li jwaqqaf lis-sewwieq, l-uffiċjal tal-pulizija jista' jkollu bżonn li jagħmel kontroll preliminari għall-użu tad-drogi billi janalizza

l-imġiba jew kampjuni bijoloġiċi. Fi Frar 2002, il-grupp ta' ħidma espert tal-Kummissjoni Ewropea fuq id-drogi, mediċini u sewqan irrakkomanda li l-pulizija involuti fil-kontroll tat-traffiku jirċievu taħriġ obbligatorju fl-għarfien tas-sinjali ta' tnaqqis tal-kapaċitajiet tas-sewwieq minħabba drogi. Dawn it-testijiet jistgħu jinkludu, pereżempju, l-eżami tad-daqs tal-ħabba tal-għajn, testijiet ta' koordinament, testijiet tal-imġiba, reazzjonijiet u l-mod ta' kif wieħed jitkellem. Madankollu, sal-2007, erba' pajjiżi biss tal-UE (il-Belġju, il-Portugall, l-Iżvezja, ir-Renju Unit) irrappurtaw taħriġ f'dan il-qasam għall-pulizija tat-traffiku, filwaqt li 11 oħrajn irrappurtaw xi taħriġ ad hoc. Barra minn hekk, it-testijiet mhumiex l-istess f'kull pajjiż.

Il-fluwidu orali (bżieq) jista' jkun aċċettabbli għall-kontroll fit-triq tas-sewwieqa – l-awrina mhijex adatta sabiex tindika n-nuqqas ta' kapaċitajiet. Madankollu, l-affidabbiltà ta' tagħmir li jittestja l-bżieq għad trid tkun ikkonfermata. Mid-disa' apparati li jittestjaw il-bżieq fuq il-post evalwati mill-proġett Rosita-2 tal-UE bejn l-2003 u l-2005, l-ebda wieħed ma seta' jkun irrakkomandat għall-użu għall-kontroll tas-sewwieqa fit-triq. Il-limitazzjonijiet tal-apparati jistgħu jkunu kkompensati sa ċertu punt permezz tal-modifika tal-protokoll tal-ittestjar. Mill-2004 l'hawn, sistema f'Victoria, fl-Awstralja, tuża

żewġ testijiet tal-bżieq wara xulxin fit-triq sabiex tinkiseb rata pożittiva falxa baxxa; il-prosekuzzjoni tkun ibbażata fuq ir-riżultati ta' konferma sussegwenti fil-laboratorju tat-tieni kampjun. Fl-UE, għalkemm Franza tuża testijiet tal-bżieq fit-triq, il-prosekuzzjoni hija bbażata fuq ir-riżultati ta' test tad-demem.

6. Kampanji ta' prevenzjoni: huma effikaċi?


L-istħarriġ li sar f'xi pajjiżi wera nuqqas ta' għarfien tal-effett ta' drogi fuq il-kapaċità tas-sewqan. Juri wkoll li bosta sewwieqa mhumiex konxji tal-effett tat-taħlit ta' drogi mal-alkoħol. Fost is-sewwieqa anzjani, spiss jonqos għarfien tal-effetti ta' mediċini psikoattivi fuq il-kapaċità tas-sewqan. Barra minn hekk, bosta sewwieqa jistgħu ma jkunux jafu l-liġijiet li jipprojbixxu s-sewqan taħt l-effett ta' dawn il-mediċini.

F'ħafna Stati Membri tal-UE saru bosta kampanji ta' prevenzjoni bil-għan li jkopru s-sewqan taħt l-effett tad-drogi. Dawn ġeneralment jieħdu l-forma ta' kampanji tal-midja tal-massa, u spiss jinkludu informazzjoni fuq drogi fl-ambitu ta' kampanja usa' li tiffoka fuq l-alkoħol.

Madankollu, il-messaġġi ġenerali li jilthqu lil żgħażaġħ li jagħmlu użu mill-kannabis x'aktarx li ma jinstemgħux, jew lanqas biss jingħata kas tagħhom, minn utenti aktar anzjani ta' mediċini psikoattivi, u bil-maqlub. Bl-istess mod, iż-żewġ gruppi jistgħu jħossu li t-twissijiet dwar l-alkoħol ma japplikawx għalihom. Il-programmi ta' prevenzjoni jirnexxu aktar jekk ikunu mfassla għall-grupp li għalih ikunu maħsubin.

L-ġhoti ta' informazzjoni ċara lill-pazjenti li jkunu qegħdin jieħdu mediċini psikoattivi jista' jwaqqafhom milli jsuqu waqt li jkunu taħt l-effett tagħhom. Għal dan il-għan, il-parti l-kbira tal-pajjiżi jibbażaw fuq il-fuljett ta' tagħrif għall-pazjent li jkun fil-pakkett, li pereżempju jirrakkomanda kawtela jekk il-pazjent iħossu bi nġhas. Iżda s-sensi individwali tal-pazjent mhumiex dejjem ta' min joqgħod fuqhom jew preċiżi. Attwalment jirriżulta li f'ħafna pajjiżi biss jintuża simbolu jew pittogramma ċari fuq in-naħa ta' barra tal-pakketti tal-mediċini li jista' jkollhom effett fuq il-kapaċità tas-sewqan.

Fl-Istati Membri tal-UE s-sewqan taħt l-effett tad-drogi jista' jkun definit bħala tnaqqis tal-kapaċitajiet ta' sewqan ikkawżat minn drogi jew il-preżenza ta' droga fid-demem tas-sewwieq ("tolleranza zero"), u xi pajjiżi jgħaqqdu ż-żewġ definizzjonijiet flimkien f'sistema ta' żewġ stadji



Sors: European Legal Database on Drugs

Objettiv droga hija serje ta' rapporti politiċi ppublikati miċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi (EMCDDA), li għandu s-sede tiegħu f'Liżbona. Dawn ir-rapporti huma ppublikati regolarment, fit-23 lingwa uffiċjali tal-Unjoni, u bin-Norveġiż u t Tork. Il-lingwa oriġinali hija l-Ingliż. Il-kontenut tagħhom jista' jiġi riprodott sakemm ikun rikonoxxut is-sors.

Għal abbonament mingħajr ħlas, ikkuntattjawna permezz tal-e-mail: publications@emcdda.europa.eu

Cais do Sodré, 1249-289 Liżbona, il-Portugall
Tel. +351 211210200 • Faks +351 218131711
info@emcdda.europa.eu • www.emcdda.europa.eu

Tweġiba għas-sewqan taħt l-effett tad-drogi fl-Ewropa: Konklużjonijiet u konsiderazzjonijiet tal-politika

1. Jeħtieġ li jsir sfharriġ tal-prevalenza tad-drogi fis-sewwieqa fl-Istati Membri kollha tal-UE. L-ittestjar tas-sewwieqa kollha involuti f'inċident fatali, għall-użu tad-drogi u tal-alkoħol jista' jkun sors importanti ta' informazzjoni għall-monitoraġġ tal-problema.
2. Huma disponibbli linji gwida ġodda fuq id-disinn tal-istudji li jqisu l-varjetà ta' limitazzjonijiet ġuridiċi u prattiċi fil-pajjiżi differenti. Dawn għandhom l-għan li jsir titjib fit-taqbil tal-istudji u jistgħu jiffaċilitaw l-iskambju tal-aħjar prattika.
3. Dawk li jfasslu l-politika għandhom iqisu l-aktar informazzjoni xjentifika reċenti disponibbli waqt li jkun qiegħdin ifasslu tweġibiet ġuridiċi. Il-livell li fih sewwieqa jtaqies li kiser il-liġi għandu jkun ċar għall-partijiet kollha interessati u għall-pubbliku.
4. Il-liġijiet nazzjonali u l-infurzar tagħhom jeħtieġ li jasl u għal bilanċ bejn it-tħassib fuq l-iżgur tas-sigurtà fit-toroq u l-ħtiġijiet terapewtiċi tal-individwi.
5. L-oqfsa ġuridiċi jeħtieġu eżami mill-ġdid, minħabba li anki bil-limiti ta' metodoloġiji ta' ttestjar eżistenti, huma possibbli proċeduri aktar effikaċi. U għażliet ġodda x'aktarx li jsiru disponibbli.
6. Il-kampanji ta' prevenzjoni għandhom ikunu diretti lejn gruppi f'riskju speċifiku u sustanzi riskjużi; ikunu bbażati fuq provi xjentifiċi; u evalwati b'mod strett għall-impatt fuq l-imġiba u l-atteġġjamenti.

Sorsi ewlenin

EMCDDA (2007), *Drugs and driving*, Selected issue, Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi, Liżbona.

EMCDDA (2008), *Drug use, impaired driving and traffic accidents*, Insights No 8, Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi, Liżbona.

Grupp Pompidou (2000), *Road traffic and drugs*, Publikazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa, Strasburg.

Grupp Pompidou (2004), *Road traffic and psychoactive substances*, Publikazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa, Strasburg.

Laumon, B., Gadegbeku, B., Martin, J., Biecheler, M. (2005), 'Cannabis intoxication and fatal road crashes in France: population based case-control study', *BMJ* 331, paġna 1371.

Walsh, J.M., Verstraete, A.G., Huestis, M.A., Mørland, J. (2008), "Guidelines for research on drugged driving", *Addiction* 103, paġni 1258-68.

Informazzjoni fuq l-internet

Approċċi ġuridiċi fit-tema tad-drogi u sewqan, Ħarsa ġenerali lejn is-suġġett:

<http://eldd.emcdda.europa.eu/html.cfm/index19034EN.html>

Kunsill Internazzjonali dwar l-Alkoħol, id-Drogi u s-Sigurtà tat-Traffiku (ICADTS):

<http://www.icadts.org/>

Parlament ta' Victoria, Awstralja – deskrizzjoni tal-programm dwar l-ittestjar għad-drogi:

<http://www.parliament.vic.gov.au/research/2006DBroadsafety.pdf>

Proġett DRUID:

<http://www.druid-project.eu/>

Rosita – valutazzjoni tal-ittestjar fit-toroq:

<http://www.Rosita.org>



Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet
Publications.europa.eu

PUBBLIKATUR UFFIĊJALI: Uffiċċju għall-Publikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej
© Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi, 2009
DIRETTUR:: Wolfgang Götz
AWTUR: Brendan Hughes
EDITUR: Peter Fay
KUNĊETT GRAFIKU: Dutton Merryfield Ltd, ir-Renju Unit
Printed in Luxembourg